MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2010

Numru. 1072/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**

**vs**

**Spiro Manicaro**

Il-Qorti ,

Rat li l-imputat Spiro Manicaro, ta' 53 sena, iben Salvatore u Annunziata Schembri, imwieled Tarxien fit-13 ta' Dicembru, 1951 u residenti 49, Triq Annunzjata, Tarxien u detentur ta' karta ta' l-identita numru 06852(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar it-12 ta' April 2005 ghall-habta ta' 14.15 hrs fi Vjal l-Avjazzjoni Civili gewwa l-Gudja (a) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni,

jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti waqt li kien qed isuq Tractor bin-numru ta' registrazzjoni EHQ 100 kkaguna incident stradali li fih ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Paul Busuttil miz-Zejtun kif gie ccertifikat minn Dr Michael Spiteri MD u Dr. Elaine Cachia MD ta' S.L.H. bi ksur tal-Art 226 1 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess jum, hin, lok u cirkustanzi saq tractor bin-numru ta' registrazzjoni EAQ 100 minghajr licenzja tat-triq imgedda u bla ma kienet koperta b'polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

3. Fl-istess jum, hin u cirkustanzi ikkaguna hsara involontarja fuq il-vettura EHQ 100 a skapitu ta' Michael Zammit, hsara fuq vettura JBG 097 a skapitu tas-socjeta' Anthony Falzon and Sons Limited u hsara fuq vettura tal-marka Hunter bin-numru tar-registrazzjoni HAA 438 a skapitu ta' Francis u Angolina D'Amato mil-Gudja; liema hsarat jiskorru l-LM1,000;

4. Hu recidiv b'sentenzi tal-Qorti 18/10/99 Mag C Peralta LL.D. u tal-26/04/04 Mag Giovanni Grixti LL.D. liema sentenzi kienu gew definitivi fl-istess dati;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra l-piena kontemplata mil-ligi, jigu mhallsa l-ispejjez tal-esperti tal-Qorti u li Spiro Manicaro jigi sospiz minn kull licenzja tas-sewqan.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 29 ta' Novembru 2005 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2006 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident stradali li sehh fit-12 ta' April 2005 ghall-habta tas-2.15pm fi Triq l-Avjazzjoni Civili, limiti tal-Gudja liema ncident sehh waqt li l-mechanical horse (tractor jew ziemel) bin-numru tar-registrazzjoni EHQ 100 propjeta' tad-ditta Xatrans u li kien misjuq mill-imputat Spiro Manicaro kien qed jinstaq fid-direzzjoni ta' Hal-Luqa u kien gej md-direzzjoni tal-Freeport f'Hal-Far. L-imputat li kien qed isuq wara l-vettura tal-marka Hilman Hunter bin-numru tar-registrazzjoni HAA 438 misjuqa minn Angolina D'Amato ttenta jissorpassa lill-imsemmija vettura li kienet naqset il-velocita' u kienet bl-indicator tal-lemin mixghul sabiex tissenjala l-intenzjoni taghha li ddur lejn il-lemin sabiex tidhol f'Safi Road, u huwa sabiex jaghmel din il-manuvra ta' sorpass mar fuq in-naha l-ohra tat-triq, u cioe' kompletament wrong side, sabiex b'hekk habat ma ' mechanical horse iehor (b'container migbud minnu) bin-numru tar-registrazzjoni JBG 097, izda dakinhar tal-incident kellu mwahhal in-numru EHQ 159, tad-ditta Falcotrans li kien misjuq minn Paul Busuttil u li kien gej mid-direzzjoni opposta. Waqt li kien qed jaghmel din il-manuvra ta' sorpass l-imputat laqat ukoll il-vetura misjuqa minn Angolina D'Amato fuq wara man-naha tal-lemin taghha. Bhala konsegwenza ta' dan l-incident l-imputat sofra griehi ta' natura hafifa u Paul Busuttil is-sewwieq tal-mechanical horse l-iehor sofra griehi ta' natura gravi u z-zewg sewwieqa t-tnejn ittiehdu l-Isptar ghal kura.

Angolina D'Amato meta xehdet quddiem l-espert tat-traffiku Dr. Joseph Micallef Stafrace li gie mahtur mill-Magistat Inkwirenti (Process Verbal relattiv inserit a fol. 13 et sequitur tal-atti processwali) qalet li dakinhar tal-incident hija kienet qed issuq il-vettura taghha fil-lokalita' msemmija gejja mid-direzzjoni ta' Hal-Far u bl-intenzjoni li tidhol ghal Hal-Safi, hija kienet qed issuq qrib il-linja medjana tat-triq, bdiet tnaqqas il-velocita' u xeghlet l-

indicator tal-lemin sabiex tissenjala l-intenzjoni taghha li ddur lejn Hal-Safi u sadanittant rat trailer gej mid-direzzjoni opposta meta f'daqqa wahda hasset daqqa qawwija fuq wara lejn il-lemin u fl-istess hin spiccat imbuttatha l-quddiem u mbaghad rat il-container li kien gej minn faccata u tractor iehor li kien gej minn warajha mahbutin. Hija specifikat li kemm hi kif ukoll il-container li kien gej mid-direzzjoni opposta kienu fuq sajdhom immedjatament qabel ma sehh l-incident. Din ix-xhud ikkonfermat ukoll dak li qalet lis-surgent li nvestiga il-kaz a tempo vergine u cioe' li t-trakk li kien gej minn warajha u bi speed kbir prova jaqbizha min-naha ta' barra, dahal fiha u mbaghad baqa' diehel fil-container li kien gej mid-direzzjoni opposta. Din ix-xhud ikkonfermat din l-verzjoni tal-fatti meta xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-23 ta' Marzu 2006.

Paul Busuttil is-sewwieq tat-trakk bin-numru tar-registrazzjoni EHQ 157 ukoll xehed quddiem l-espert tat-traffiku Dr. Joseph Micallef Stafrace fejn ikkonferma li kien qed isuq iz-ziemel bin-numru tar-registrazzjoni EHQ 157 u qed igorr container warajh sabiex jiehdu l-Freeport, kien qed isuq bi speed normali u quddiemu ma kellux traffiku izda kien hemm traffiku gej mid-direzzjoni opposta. Mill-faccata ra ziemel (mechanical horse) gej bis-sahha li kien qed jaqbez vettura li kien hemm quddiemu b'mod illi mblokka il-kareggjata li kien qed jipprocedi fiha hu, huwa prova jiskapulah billi jdur lejn ix-xellug izda ma rnexxilux u gie ghalhekk milqut minn dan il-mechanical horse u bid-daqqa it-trakk tieghu spicca qabez hajt li kien hemm mal-genb tax-xellug. Dan ix-xhud qal li huwa sofra griehi f'rasu u f'riglejh tal-lemin u kellu jinhareg mit-trakk tieghu mill-Protezzjoni Civili fejn wara ttiehed l-Isptar ghal kura fejn ghamel zmien fil-perikolu tal-mewt u sussegwentement gie operat u gie rilaxxjat mill-Isptar fit-2 ta' Mejju 2005 izda baqa jmur ghal fizjoterapija kull gimgha u kien jutilizza bastun sabiex jimxi. Dan ix-xhud xehed fil-proceduri odjerni waqt l-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2006 fejn ikkonferma il-verzjoni tal-fatti minnu moghtija meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti u qal li wara l-incident kellhom isirulu tlett operazzjonijiet f'saqajh il-leminija u tpoggietlu hadida f'saqajh u qal li ghadu jbati

bhala konsegwenza tal-griehi li sofra fl-incident u ghadu qed jinghata terapija.

L-imputat Spridione Manicaro meta xehed quddiem l-espert tat-traffiku Joseph Micallef Stafrace fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali qal li huwa kien telaq mill-Freeport u kien sejjer fid-direzzjoni ta' Hal-Qormi u waqt li kien qed isuq fit-triq ta' Hal-Far kien hemm vettura tal-marka Hilman Hunter quddiemu li haseb li kienet ser iddur ghal gewwa Triq il-Gudja. Huwa qal li ma jafx jekk din il-vettura kellhiex l-indicator mixghul. Huwa jghid li mar fuq in-naha l-ohra tat-triq sabiex jiskapula lil din il-vettura u spicca sabiex habat ma trakk li kien gej minn faccata. Huwa qal li meta laqat il-Hilman din kienet qeda' fuq sajdha izda qal li hasditu. Huwa qal ukoll li ma kienx qed isuq b'velocita' ghaliex kien hemm vettura quddiemu. L-imputat ghazel li m jixhidx fil-proceduri odjerni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li l-incident stradali de quo gie kagunat unikament minhabba sewqan perikoluz, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat Spiro Manicaro li meta ra l-vettura Hilman Hunter misjuqa minn Angolina D'Amato qed tislowja sabiex iddur lejn il-lemin minflok waqaf bil-galbu warajha, kif kien jaghmel sewwieq prudenti, ttenta jaqbez din il-vettura billi mar kompletament wrong side u waqt li kien qed jaghmel din il-manuvra azzardata ta' sorpass l-ewwel laqat il-Hilman Hunter fuq wara lejn il-lemin u mbaghad habat mal-mechanical horse bil-container misjuq minn Paul Busuttil li kien gej ghall-affari tieghu fuq in-naha tat-triq u kompletament fuq sajdu. Mix-xhieda ta' Angolina D'Amato u ta' Paul Busuttil jirrizulta wkoll li l-imputat kien qed isuq b'certu velocita'. L-imputat kellu jieqaf wara l-Hilman Hunter meta din islowjat sabiex tiprepara sabiex teffetwa right hand turn u mhux jipprova jissorpassa l-imsemmija vettura billi jmur kompletament wrong side sabiex b'hekk jimblokka l-karreggjata tal-vettura misjuqa minn Paul Busuttil li kien gej mid-direzzjoni opposta. Id-Difiza qed issostni li la Angolina

D’Amato u l-anqas Paul Busuttil ma identifikaw lill-imputat bhala l-persuna li kien qed isuq il-mechanical horse bin-numru tar-registrazzjoni EHQ 100 dakinhar tal-incident. Il-Qorti jidrilha li permezz tax-xhieda ta’ PS1448 Victor Butigieg li xehed fl-udjenza tal-23 ta’ Marzu 2006 u li kien is-Surgent li nvestiga l-incident kif ukoll permezz tal-provi migbura fil-Process Verbal relattiv l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li kien l-istess imputat li kien qed isuq l-imsemmi mechanical horse meta sehh l-incident de quo.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat li minhabba nuqqas ta’ hsieb, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti kkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Paul Busuttil. Kif ghadu kemm intqal fil-paragrafu precedenti l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li kien hemm traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti u nuqqas ta’ hsieb da parti tal-imputat u li bhala konsegwenza gew ikkagunati griehi ta’ natura gravi lil Paul Busuttil. Dwar in-natura tal-griehi l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li dawn il-griehi kienu gravi bil-konsegwenzi msemmija fil-paragrafu 216 tal-Kodici Kriminali u din il-prova saret mhux biss tramite x-xhieda tal-istess Paul Busuttil li spjega x’kienu il-konsegwenzi tal-griehi li huwa sofra izda wkall tramite x-xhieda ta’ Dr. Alec Sultana, l-orthopaedic surgeon li kkura lill-imputat, li xehed darbtejn f’dawn il-proceduri (xhieda relattiva a fol. 155 sa 157 u a fol. 159 sa 161) fejn spjega fid-dettall in-natura tal-griehi sofferti mill-imputat u l-kura li nghatatlu.

Permezz tat-tieni akkuza l-imputat jinsab akkuzat li saq it-tractor bin-numru tar-registrazzjoni EAQ 100 minghajr licenzja tat-triq imgedda u minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni. Minn ezami bir-reqqa tal-atti processwali minn imkien ma jirrizulta li l-licenzja tat-triq tal-imsemmi tractor jew mechanical horse ma kienitx imgedda fid-data tal-incident. Inoltre mill-provi mressqa mill-imputat f‘dan il-kaz u senjatament mix-xhieda ta’ Andrew Pizzuto (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a

fol. 166 tal-atti processwali) u mid-dokumenti minnu esebiti jirrizulta li fid-data tal-incident il-vettura in kwistjoni kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni. L-imputat ghalhekk ser jigi dikajrat mhux hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Permezz tat-tielet akkuza l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna hsara involontarja fuq il-vettura EHQ 100 a skapitu ta' Michael Zammit, hsara fuq il-vettura JBG 097 a skapitu tas-socjeta' Anthony Falzon and Sons Limited u hsara fuq il-vettura bin-numru HAA 438 a skapitu ta' Francis u Angolina D'Amato, liema hsara tiskorri l-Lm1000. Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova rigward l-entita' u l-valur tal-imsemmija hsarat u ghalhekk l-imputat sejjer ukoll jigi dikjarat mhux hati tal-imsemmija akkuza.

Permezz tar-raba' akkuza l-imputat jinsab akkuzat li rrenda ruhu recidiv u s-sentenzi relattivi gew esebiti u jinsabu nseriti a fol. 132 sa 135 tal-atti processwali u saret ukoll id-debita prova tar-recidiva. L-imputat sejjer ghalhekk jinsab hati tal-imsemmija akkuza.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li din m'hiijex l-ewwel darba li l-imputat qed jinstab hati ta' sewqan perikoluz izda kkunsidrat ukoll li l-partijiet lezi gew rimborsati in toto ghad-danni li huma sofrew bhala konsegwenza tal-incident stradali de quo u ghalhekk jidrilha li ghandha timponi piena pekunjarja fil-massimu imponibbli kif ukoll skwalifika tal-licenzja tas-sewqan. Il-Qorti jidrilha li l-iskwalifika ghandha tigi mposta u dan nonostante li x-xoghol tal-imputat jinnecessita li huwa jkollu tali licenzja stante li xogholu jinvolvi s-sewqan u dan sabiex forsi l-imputat jifhem darba ghal dejjem l-importanza li huwa josserva r-regolamenti u li jkun prudenti fis-sewqan.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 30,49, 50, 225 u 226(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel u r-raba' akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta' elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300) u tiskwalifikah milli jzomm jew jotjeni

licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni u tat-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ disa’ mija u hamsa u hamsin ewro u hamsa u disghin ewro centezmi (€955.95) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------